**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 155/2016 CFF**

**VINCENT CUMBO**

**VS**

**ZEJTUN CORINTHIANS FOOTBALL CLUB**

**Illum 21 ta' Marzu, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors tal-attur** fejn talab sabiex il-klabb konvenut jigi kkundannat ihallas, prevja kull dikjarazzjoni u provvediment illi din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuna, is-somma kumplessiva ta' hamest elef u mitejn Ewro (€5,200), rapprezentanti bilanc ta' hlas minnhom dovut ghall-ammont misluf lill-klabb mir-rikorrenti ghall-istagun 2012/2013, kif ikkonfermat bil-ftehim datat 1 ta' Jannar 2015 li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok.VC1 u bil-ftehim datat 28 ta' Dicembru 2015 li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok.VC2, liema bilanc sa llum ghadu mhux imhallas minkejja li huma gew interpellati diversi drabi biex jghamlu dan il-hlas, bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, bl-ispejjez kollha tal-prezenti u l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment ma dan ir-rikors.  Kollox kontra taghhom, li minn issa qed jigu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat **ir-risposta ta' Zejtun Corinthians Football Club** fejn espona:

1. Preliminarjament l-illegittimita tal-esponenti intimat stante li r-rapprezentanza tal-klabb tal-Football qieghda f'idejn il-kumitat tal-klabb jew f'idejn dawk li jgorru r-rapprezentanza gudizzjarja tieghu.

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu l-ammont reklamat ma huwiex dovut stante illi ma huwiex minnu li dan l-istess ammont kien gie misluf mir-rikorrent lill-klabb intimat u ghal dan il-ghan il-klabb konvenut sejjer jiehu passi sabiex il-ftehim li ghab-bazi tieghu qieghed jigi mitlub il-hlas tal-ammont reklamat jigi dikjarat null u minghajr effett.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Vincent Cumbo jixhed illi huwa avolja ma kienx fil-kumitat taz-Zejtun Corinthians Football Club, huwa kien membru u kien jghin lill-klabb billi jorganizza attivitajiet, jigbor it-tesseri tal-membri u anke jdur bieb, bieb iqassam il-kalendarji sabiex jigbor donations ghal klabb. Huwa jghid li kien anke jghin lill-klabb finanzjarjament u dan peress li l-klabb kellu tliet players barranin li kienu jithallsu b'cekk izda c-cekk kienu jiffirmawh fuq wara, jghadduh lil Vincent Cumbo li jtihom flus kontanti, u c-cekk isarrfu Vincent Cumbo. Ikompli jghid li kienet saret skrittura f'Jannar tal-2015 mal-kumitat tal-klabb fejn gie ndikat l-ammont li Vincent Cumbo kien dovut mill-klabb, izda Vincent Cumbo qatt ma thallas. Fit-28 ta' Dicembru, 2015 kellha ssir it-tieni skrittura minn kumitat gdid stante li l-kumitat l-antik kien inbidel. Bejn il-membri tal-kumitat u Vincent Cumbo kien sar ftehim li Vincent Cumbo se jithallas ta' kollox fi zmien sentejn u l-ewwel pagament ghandu jiddekorri minn Mejju. Vincent Cumbo ghadu ma thallas xejn mill-ammont li huwa dovut.

Illi din hija sentenza preliminari ghar-rigward l-ewwel eccezzjoni ta' l-ghaqda konvenuta.

L-attur ipprezenta nota ta' referenzi, meta ghamlet referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Prim' Awla fl-24 ta' Novembru 2016 fl-ismijiet, *Victor Denaro et vs Msida Red Stars Amateur Football Club, Anthony Arpa u Vincent Goodlip (Ref Nru: 1022/2015LSO).*

F'din il-kawza il-Qorti wkoll giet rinfaccata b'eccezzjoni identika ghall-ewwel eccezzjoni moghtija mill-ghaqda intimata.

Fil-fatt il-Qorti ser taghmel referenza estensiva ghal din is-sentenza ga citata, u se tikkwota:

*"F'dan is-sens it-tielet eccezzjoni tal-intimati hija allacjata mat-tieni eccezzoni taghhom stante li qed jikkontendu li l-Msida Red Stars Amateur Football Club tharrket hazin, peress li r-rapprezentanti tal-club kellhom jitharrku mhux f'isimhom proprju izda in rapprezentanza tal-assocjazzjoni.*

*Gie sottolineat li l-Artikolu 181A tal-Kap 12 kif espost mis-socjeta' rikorrenti, ma japplikax. Dan ghaliex l-Artikolu 181A tal-Kap 12, jezigi li l-korp ghandu jkollu personailta' guridika distinta biex jibbenefika mill-istess artikolu. Dan l-artikolu jipprovdi:*

*'Meta tigi prezentata skrittura minn jew kontra korp li jkollu personalita' guridika distinta, ikun bizzejjed li wiehed inizzel isem dak il-korp.'*

*Ikkunsidrat li skont l-Att Dwar l-Interpretazzjoni (Kap 249) fl-artikolu 4(d) jinghad illi:*

*'F'dan l-Att u f'kull Att iehor mghoddi qabel jew wara l-bidu fis-sehh ta' dan l-Att, kemm-il darba ma jkunx jidher hsieb kuntrarju:*

*'l-espressjoni 'persuna' tinkludi ghaqda jew korp iehor ta' persuni, sew jekk dik l-ghaqda jew dak il-korp ikunu persuna guridika skont id-dispozizzjonijiet tat-Tieni Skeda tal-Kodici Civili, sew jekk le."*

*Dan jidher aktar car fit-test Ingliz:*

*(d) "the expression 'person' shall include a body or other association of persons, whether such body or association is corporate or unincorporated."*

*Jigi ritenut li riferibbilment ghall-entita', assocjazzjoni jew club sportiv, bhal fil-kaz in dizamina, gie konstantament ritenut fil-gurisprudenza nostrana, li f'kaz ta' kazini, tal-isport, u socjetajiet u assocjazzjonijiet simili fil-bliet u rhula, dawn ghandhom personalita' guridika distinta mill-membri taghhom. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi, saret referenza ampja ghal din il-gurisprudenza, li ccitat ukoll* ***Sean Bradshaw vs Kings Own Band Club –*** *Qorti tal-Appell, fit-2 ta' Ottubru 2014, li semmiet l-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap 249), relevanti ghal din il-materja.*

*Fil-kaz* ***Francis Busuttil & Sons Limited vs Saviour Cacciatolo P.A. (GCD) (2072/1996/1)*** *deciz fil-31 ta' Mejju 2005, gie ritenut li club minkejja li mhux socjeta' kummercjali, xorta wahda jikkwalifika bhala persuna b'personalita' guridika separata u bhala tali jista' jigi mharrek u jista' jidhol f'kuntratti, Dan l-istess kaz jirreferi wkoll bhal dak precedent, ghall-Att dwar l-Interpretazzjoni u l-Artikolu 4(d) li hu l-Artikolu relevanti li jiddefenixxi persuna guridika.*

*Hekk fil-fatt, fil-kaz "**Francis Busuttil & Sons Ltd vs Saviour Cacciatolo**" citat ante intqal li "L-attrici izda qeghda thawwad il-kuncett ta' personalita' ma' dak ta' inkorporazzjoni, bhallikieku fost il-korpi huma s-socjetajiet registrati biss li ghandhom personalita'".*

*Hawnhekk, ta' relevanza, huwa l-kaz* ***"E.A. Avallone vs A. Delia proprio et nomine"*** *fejn intqal:*

*"Il-persuni fizici li jitfehmu u jaghmlu skrittura privata jew att pubbliu biex jiffurmaw socjeta' civili, cioe' mhux kummercjali joholqu persuna guridika distinta u separata mill-istess persuni li jikkomponuha, kif jidher car mid-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili – mill-artikolu 1644 sal-artikolu 1688. Minn dawn is-socjetajiet hawn numru konsiderevoli bhalma huma dawk tal-kazini tal-Banda f'diversi bliet u rhula, kazini tal-isport, specjalment tal-futbol, socjetajiet politici kostitwiti f'partiti u simili. Dawn kollha ghandhom personalita' guridika separata u distinta mill-membri taghha."*

*U kif gie ribadit fl-ismijiet "**Anthony Bugeja vs Carmelo Agius et**", P.A. deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 t'Ottubru 1991, inghad li f'Malta:*

*"Kull forma ta' assocjazzjoni maghmula a bazi ta' kuntratt socjali, sakemm il-finalitajiet ta' dak il-kuntratt ma jkunx impossibli, projbiti mil-ligi kontra l-morali u l-ordni pubbliku, hija nvestita b'personalita' guridika…."*

*Dan ifisser li ghal fini tal-artikolu 181 A tal-Kap 12 m'hemmx ghalfejn jitnizzel isem il-persuna li ghandha rapprezentanza guridika tas-socjeta' jew tal-korp. F'dan il-kuntest, jinghad r-regoli ta' procedura huma ta' ordni pubbliku u huma tassattivi. L-artikolu 181A tal-Kap 12 kien gie introdott biex propju jaghmel l-affarijiet iktar semplici ghal min irid iharrek fl-interess jew kontra korp guridiku.*

*Ghaldaqstant, ladarba gie stabbilit li l-club intimat ghandu personalita' guridika distinta, (kuntrarjament ghal dak sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati), m'hemm l-ebda dubju li l-kawza de quo setghet tigi istitwita fil-konfront tal-Imsida Red Stars Amateur Football Club."*

In vista ta' dak hawn fuq ikkwotat mis-sentenza pre-citata l-Qorti qeghda taghmel taghha dan ir-ragunament u ghalhekk ghal dawn il-motivi l-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-kawza setghet giet istitwita fil-konfront ta' Zejtun Corinthians Football Club.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni tal-ghaqda konvenuta u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

L-ispejjez ta' din is-sentenza jithallsu mill-ghaqda Zejtun Corinthians Football Club.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**